# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Artikolu 42(d), 49, 50, 325(b), 334, 261(b), 261(g), 263, 271(g), 272, 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**v**

**JOSEPH ZAMMIT**
**REGINALD BUGEJA**

**Seduta ta' llum, 29 ta' Lulju 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH ZAMMIT** ta' sebgha w ghoxrin sena bin Saviour u Catherine nee Schembri, imwieled Pieta nhar t-tletin ta' Gunju, 1973 u joqghod 6, Sqaq numru 1, Pjazza Darnino, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 378173M, u **REGINALD BUGEJA** ta' sitta w ghoxrin sena bin il-mejjet Paul u Doris nee Hole, imwieled Pieta nhar l-hamsa ta' Novembru, 1972 u joqghod 26, Triq il-Kullegg, Rabat, Malta, detentur tal-karta tal-identita numru

505272M gew mressqa quddiemha akkuzati talli Reginald Bugeja wahdu fl-erbatax ta' Settembru, 2000 ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar ikkommetta serq ta' stereo tal-ghamla Pioneer minn go karozza bin-numru ta' registrazzjoni YYZ 112 liema stereo jiswa aktar minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Deborah Debono mis-Siggiewi, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, l-imputat Reginald Bugeja xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe stereo tal-ghamla Pioneer li huwa stmat li jiswa aktar minn hamsin lira maltin, liema stereo gie mehud b'qerq, jew akkwistat b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal sabiex jbieghu jew jmexxih.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-imputat Reginald Bugeja, voluntarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-vettura tal-ghamla Fiat, liema hsara tiskorri s-somma ta'hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin ghad-dannu ta' Deborah Debono.

Talli l-imputat Reginald Bugeja jinsab recidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Lil Joseph Zammit wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu komplici fid-delitti hawn fuq imsemmija billi xjentement ghen jew assista lil awtur jew awturi tad-delitti fl-atti li bihom d-delitti kienu gew ippreparati jew ikkunsmati.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat l-ewwel ta' Novembru, 2000 esibit fl-atti a fol 13 w mmarkat bhala dokument CSH.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil imputati fis-seduta tat-tlieta ta' Gunju, 2002 jirregistraw ammissjoni ghal akkuzi kif addebitati lilhom u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibhom hajta taghhom.

Semghet lil Probation Officer Marietta Lanzon tixhed fis-seduta tas-sitta ta' Gunju, 2002 dwar l-imputat Reginald Bugeja .

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 42(d), 49, 50, 325(b), 334, 261(b), 261(g), 263, 271(g), 272, 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena ikkunsidrat:

Illi l-partecipazzjoni tal-imputati f'dawn r-reati addebitati lilhom ma humiex l-istess u in oltre l-fedina penali tal-imputati wkoll hija differenti u ghalhekk il-Qorti ma tistax tittratta mal-imputati bl-istess mod u manjera u dan ghaliex il-passat kriminali taghhom ghandu jigi rifless fis-sentenza li sejra taghti l-Qorti.

L-imputat Joseph Zammit irrilaxxja stqarrija nhar l-erbatax ta' Settembru, 2000 esibita fl-atti a fol 25 w immarkata bhala dokument DS 1. Minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li l-imputat Joseph Zammit ammetta l-partecipazzjoni tieghu fir-reat addebitat lilu sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni. Illi huwa kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni tant li spjiega li kien hu li ta l-flus lil ko-akkuzat l-iehor

Reginald Bugeja biex jixtri t-tornavit li ntuza biex inkiseb access fil-vettura minn fejn insteraq l-istereo.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat Joseph Zammit li tinsab esibita a fol 19 et seq tal-atti markata bhala dokument CSH 2 u minn ezami taghha jirrizulta li l-imputat Joseph Zammit instab hati ta' reat wiehed **fl-ewwel ta' April, 1996 li kien ta' pussess ta' droga eroina meta nghata probation ghal ghaxar xhur.**

Illi ghalhekk l-imputat Joseph Zammit ma hux *a first time offender*.

Illi jigi rilevat f'dan l-istadju li r-res furtiva giet ritornata lil sidha qabel ma gew inizjati dawn il-proceduri.

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis li m'ghandhix tapplika piena karcerarja izda ghandha taghti cans iehor lil imputat Joseph Zammit sabiex jitpogga fit-triq t-tajba u ghalhekk qed **tpoggi lil imputat Joseph Zammit taht s-supervizzjoni tal-Probation Officer Carmen Borg ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-**

**artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li l-imputat jingahta kull ghajnuna possibbli biex b'hekk possibilment ma jkun hemm ripetizzjoni ta' reati kriminali.**

**Il-Probation Officer ghandha tirrelata lura lil din il-Qorti kull sitt xhur dwar l-andament tal-imputat probationer Joseph Zammit u f'kaz li dan ma jobdix l-ordnijiet jew direttivi li jinghata minnha il-Qorti tesigi li tkun infurmata minnufih b'dan.**

**In oltre qed tikkundanna lil imputat Joseph Zammit ghal hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira maltin, liema multa ghandha tithallas b'reati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin lira maltin b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut mhux aktar tard mit-tletin ta' Awissu, 2002.**

**Dwar l-imputat l-iehor u cioe Reginald Bugeja**, s-sitwazzjoni tieghu hija differenti u ghalhekk il-piena li sejra tapplika din il-Qorti sejra tirrifletti din d-differenza.

Illi huwa veru li l-imputat Reginald Bugeja ammetta l-partecipazzjoni tieghu f'dan r-reat sa minn stadju bikri tal-proceduri u cioe mill-mument ta' meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu nhar s-sittax ta' Settembru, 2000 kif jirrizulta mid-dokument DS esibit f'dawn l-atti a fol 23, liema stqarrija giet rilaxxjata biss jumejn wara li nsteraq l-istereo, pero dan ghamlu ghaliex l-imputat Reginald Bugeja inqabad *in flagrante delicto* tant li sid l-istereo avvicinah ftit mumenti wara li sgassa l-vettura u seraq l-istereo u kien ghadu f'idu. Huwa minnu wkoll li l-imputat minnufih ta l-istereo lil istess sid tieghu ftit wara li hadu. Dan nonstante pero jibqa l-fatt li r-reat ta' serq kien sehh.

Illi l-Qorti ghamlet ezami akkurat tal-fedina penali tal-imputat Reginald Bugeja esibita fl-atti a fol 14 markata bhala dokument CSH 1 minn fejn jirrizulta li minn Lulju 1992 sa Settembru 2000 l-imputat Reginald Bugeja kien diga instab hati ta' reati f'sitt okkazzjonijiet fosthom akkuzi ta' pusses ta' droga u serq.

Illi huwa nghata diversi cansijiet mill-Qorti sabiex jirriforma ruhu tant li nghata conditional discharge fi tlett okkazzjonijiet, sentenza sospiza ta' habs ghal perjodu ta' tlett snin u multa. Dan

nonostante pero l-imputat Reginald Bugeja ma tghallimx mill-passat tieghu u reggha qieghed l-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

Il-Qorti ma tistax taghti l-impressjoni li bniedem jista jibqa jikser il-ligi u ma jbatix il-konsegwenzi penali ghal agir illegali tieghu.

Il-Qorti semghet lil Probation Officer Marietta Lanzon tixhed u tghid li hija qeghda ssegwi lil imputat Reginald Bugeja u fil-fehma taghha dan ghamel progress kbir. Illi Reginald Bugeja kellu problema ta' uzu ta' droga, liema problema tinsab wkoll taht kontroll.

Illi dan nonostante pero il-Qorti ma thossx li ghandha tkun klementi mal-imputat Reginald Bugeja u fil-fatt ghalhekk thoss li l-piena idoneja f'dan il-kaz hija wahda karcerarja.

**Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li qed tikkundanna lil imputat Reginald Bugeja ghal piena karcerarja ta' tmien xhur u taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta'**

**Kordin sabiex jghin lil imputat Reginald Bugeja fil-problema li ghandu tad-droga.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**